MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 7

5 ta' Awwissu 2013

Minuti tas-seduta Nru. 7 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 5 ta' Awwissu 2013

**PREŻENTI**

Il-Kunsillieri kollha.

**TALBA**

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 6, mingħajr emendi, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Ċentru ta' Interpretazzjoni fl-Irżieżet ta' Selmun (P/10/3/Vol III)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u qal li l-ftehim mal-*Managing Authority* dwar il-Miżura 323 ser jiġi fi tmiemu fid-9 ta' Settembru 2013. Għaldaqstant, il-*Project Manager* intalab sabiex jikkonkludi l-kontijiet kollha li hemm pendenti li jirrigwardaw din il-miżura, peress li l-fondi jistgħu jiġu *decommitted*, minkejja li x-xogħol ikun sar. Il-*Project Manager*, min-naħa tiegħu qed isosstni li attwalment mhux f'posizzjoni li jikkonkludihom, peress li l-kuntrattur Salamanda Ltd għadu qed jelimina x-xogħlijiet li fadallu pendent. Minkejja dan, sad-data ndikata, il-kontijiet kollha li jirrigwardaw din il-miżuri jkunu ngħalqu.

2.1.3. Is-Segretarju fakkar li attwalment qed tiġi pproċessata s-sejħa għall-offerti dwar l-installazzjoni ta' sistema CCTV fiċ-Ċentru ta' Interpretazzjoni, filwaqt li saret sejħa oħra għall-istimi sabiex issir Riċerka u Konsultazzjoni dwar l-Immaniġġjar tal-Postijiet involuti fil-*heritage trail*.

2.1.4. Is-Sur C. Debono qal ukoll li fit-2 ta' Awwissu 2013 saret laqgħa mal-*Managing Authority* sabiex tiġi aġġornata dwar l-proġett.

2.1.5. Il-Kunsill innota l-progress li sar.

### 2.2.1. Ġbir tal-iskart reċiklabbli (K/6/11)( X/1/3/Vol VII)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.6.1. tas-seduta preċedenti f'dak li jirrigwarda s-servizz tal-ġbir tal-iskart reċiklabbli mix-xtut. Kompla jgħid illi l-kuntatti li kien hemm ma' Green

MT Ltd jidher illi ħallew il-frott. Fil-fatt l-istess kumpanija nkarigat kuntrattur sabiex ibattal il-*bins* tal-iskart reċiklabbli fil-Bajja tal-Għadira darbtejn kuljum – fil-11.00am u fis-6.00pm. Fil-ħdud, is-servizz qed jingħata tliet darbiet matul il-ġurnata. L-uffiċjali tal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu jippreferu li t-tbattil ta' dawn il-*bins* isir qabel id-9.00am.

2.2.3. Is-Sur J. Buttigieg għarraf ukoll li servizz fl-Għadira *Caravan Site* reġa' ġie għan-normal, filwaqt li Green MT Ltd qed tagħmel it-tħejjijiet sabiex tistampa u tqassam fuljett ta' informazzjoni dwar is-separazzjoni tal-iskart skont kif stipulat fil-ftehim mal-Kunsill.

2.2.4. Il-Viċi Sindku kkummenta li sidien ta' negozji fi Triq Ġorġ Borg Olivier qed isibu diffikulta` biex jiddisponu mill-iskart reċiklabbli peress li l-iscammel qed jgħaddi qabel jiftħu l-ħwienet.

2.2.5. Is-Segretarju wieġeb li din il-problema teżisti anke fil-każ tal-iskart organiku. Is-Sur C. Debono spjega li l-iscammels użati fiż-żewġ servizzi jgħaddu qabel jiftħu l-ħwienet sabiex ma joħolqux konġestjoni tat-traffiku.

2.2.6. Il-Kunsill qabel li ż-żewġ kuntratturi għandhom jiġu kkuntattjati bil-għan li jużaw scammels iż-żgħar fi Triq Ġorġ Borg Olivier.

## 2.3.1. PA 1302/06; PA 1927/06; PA 2761/06 - Żvilupp tal-Barrieri f'Ta' Masrija (P/5/1/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.1. tas-seduta preċedenti u ppropona li l-laqgħa bejn l-iżviluppatur u l-Kumitat ta' Azzjoni maħtur minn fost ir-residenti, issir fit-12 ta' Awwissu 2013 fis-6.30pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

## 2.4.1. Servizzi fil-Klinika tal-Gvern u Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieha (M/8/Vol V)( A/1/2/Vol IV)

2.4.2. Il-Kunsillier J. Attard rrefera għall-minuta 19.5. u għarraf li sar kuntatt mal-Kunsill Malti għall-Isports dwar it-tkomplija tas-sessjonijiet tal-aerobics fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Kompla jgħid li ġiet rakkomandata persuna biex tagħti 10 sessjonijiet bejn it-13 ta' Awwissu u t-30 ta' Settembru 2013, kull nhar ta' Tlieta u l-Ġimgħa filgħodu, bir-rata ta' €19.00. B'effett minn Ottubru 2013, is-sessjonijiet ser jitkomplew b'finanzjament mill-Kunsill Malti għall-Isports.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

2.4.4. Dwar is-servizz ta' trasport għall-anzjani li jiffrekwentaw, is-Segretarju talab aktar tagħrif dwar il-postijiet minn fejn iridu jinġabru l-passiġġieri, kif ukoll il-frekwenza.

2.4.5. Rigward l-attrezzi għall-kmamar li qed jintużaw għall-i*speech therapy*, il-Kunsillier J. Attard qal li Ms Estelle Farrugia ġabret xi stimi dwar l-attrezzi meħtieġa u ser tghaddilhom u tiddiskutihom mal-Kunsill bil-għan li jiġu pprovduti.

## 2.5.1. *Seaside Slam* fl-Għadira (S/4/2/Vol III)

2.5.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 22.1. tas-seduta preċedenti dwar l-attivita` imsemmija li seħħet fil-31 ta' Lulju 2013 fil-Bajja tal-Għadira. Huwa qal li din l-attivita` intlaqgħet tajjeb ħafna u faħħar il-mod kif kienet organizzata.

2.5.3. Il-Kunsillier H. Fenech aċċenna li kif bdiet l-attivita` kien hemm tliet timijiet biss, iżda nbagħad ġew iffurmati tnejn oħra biex kien hemm ħamsa b'kollox.

2.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 02/08/13;
- Skeda ta' Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 04/07/13 – 29/07/13;
- Skeda ta' Xiri permezz tal-*Petty Cash* – 30/07/13 – 02/08/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 12/07/13 – 02/08/13;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;

- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 25/07/13;
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 03/08/13;
- Minuti – Sotto-Kumitat Edukazzjoni u Kultura – 17/07/13;
- Minuti - Sotto Kumitat Ambjent, Affarijiet Rurali u Wirt Storiku – 29/07/13.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *European Mobility Week – Car Free Day* 2013 (A/4/5/Vol II)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-Memo 18/2013 datat 22 ta' Lulju 2013, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn il-Kunsilli Lokali ġew mitluba sabiex iressqu inizjattivi li beħsiebhom jieħdu bil-għan li jfakkru dan il-jum bħala parti mill-*European Mobility Week* li ser tiġi osservata mis-16 sat 22 ta' Settembru.

4.1.3. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillieri E. Bartolo u D. Vella għandhom jiltaqgħu biex ifasslu l-kontenut ta' din l-attivita` u tiġi sottomessa t-talba sal-15 ta' Awwissu 2013. Il-Kunsill kien tal-fehma li din l-edizzjoni tkun tinvolvi prinċipalment Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa u toroq oħra.

### 4.2.1. Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet – Belmar Lido (T/4/10)

4.2.2. Saret referenza għal ittra datata 13 ta' Ġunju 2013, mibgħuta mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu, fejn talbu konsultazzjoni mal-Kunsill rigward it-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet fuq żewġt iġ-ġnub tal-Belmar Lido fil-Bajja tal-Armier. Ġew sottomessi pjanti li juru l-*areas* fejn dan ser jitpoġġew.

4.2.3. Il-Kunsill ma' sabx oġġezzjoni sakemm jitħalla passaġġ bejn it-triq u r-ramla ta' mill-inqas 1.2 metri.

### 4.4.1. *Buskers* f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (H/6)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 29 ta' Lulju 2013, mibgħuta minn Mary Rose Mifsud sabiex taħdem u tbigħ xogħol tal-artiġġjanat f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, permezz ta' liċenzja maħruġa mid-Dipartiment tal-Kummerċ..

4.3.2. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din it-talba, sakemm teżisti liċenza mid-Dipartiment tal-Kummerċ.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 2 ta' Awwissu 2013.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti mitluba bejn it-12 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu 2013.

6.3. Tressqu wkoll żewġ skedi ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* li jkopru bejn l-4 u d-29 ta' Lulju, u bejn it-30 ta' Lulju u t-2 ta' Awwissu 2013.

6.4. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li ser jastjeni mill-approvazzjoni tal-pagament Nru. 006-07-13, peress li l-Perit Gilbert Bartolo huwa ħuħ.

6.5. Is-Sindku staqsa dwar il-pagamenti Nri. 025-07-13, 052-07-13, u 053-07-13. Is-Segretarju spjega li l-pagamenti msemmija qed jintalbu skont l-iskeda li tidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| 025-07-13 | Parti mis-somma totali ta' €17,174 mitluba minn Mica Med Ltd sabiex saru *floodlights* addizzjoni fuq il-koppla tal-Knisja Parrokkjali. |
| 052-07-13 | Parti mid-drittijiet professjonali totali ta' €34,000 mitluba mill-periti Malta Planning & Design Consultants Ltd b'rabta mal-Park tal-Familja |
| 053-07-13 | Parti mis-somma akkont, mitluba ta' €68,639 minn Salamanda Ltd b'rabta mar-rinovar tal-estensjoni tal-uffiċċju tal-Kunsill. |

6.6. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk dawn ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Skema ta' għajnuna finanzjarja għal *streaming* tal-laqgħat *on-line* (I/1/3/Vol V)

7.2. Saret referenza għal Memo 17/2013 datat 12 ta' Lulju 2013 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn intqal li s-Segretarju Parlamentari għall-Kultura u Gvern Lokali qed iniedi l-iskema msemmija sabiex jgħin lill-Kunsilli Lokali jaħdmu b'aktar trasparenza u aktar viċin in-nies. Ġie spjegat li permezz tal-iskema, il-Kunsilli Lokali jistgħu jibbenefikaw minn għajnuna finanzjarja sa massimu ta' €2,300 jekk iżommu mal-kriterji stabbiliti fl-istess memo. Id-data ta' l-għeluq hija d-9 ta' Awwissu 2013.

7.3. Il-Kunsill qabel li għandu japplika taħt l-iskema.

## 8.1. Aġġornament - Proġett PIM EnergEthica (P/10/22)

8.2. Is-Segretarju għarraf li fid-29 ta' Awwissu 2013, f'Canicattini Bagni Sqallija, saret dik li tissejjaħ il-*kick-off meeting* u hemm ġew iffirmati:

(a) Il-ftehim sussidjarju bejn il-*managing authority* li hija r-Reġjun ta' Sqallija u l-imsieħeb ewlieni fil-proġett, id-*Dipartimento Regionale degli Interventi Infrastrutturali per l'Agricoltura*;

(b) Il-ftehim ta' sħubija bejn l-imsieħba kollha li huma: id-Dipartimento regionale degli Interventi Infrastrutturali per l'Agricoltura, il-GAL ta' Val D'Anapo; il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u l-WasteServ Malta Ltd; u

(c) It-termini ta' referenza tal-*Isteering Committee* tal-Proġett bejn imsieħeb ewlieni d-*Dipartimento Regionale degli Interventi Infrastrutturali per l'Agricoltura,* il-*Gruppo Azzione Locale* Val D'Anapo; l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, l-WasteServ Malta Ltd u l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa;

8.2. Il-proġett kollu jrid jiġi mplimentat bejn il-15/07/2013 u Settembru 2015. Min-naħa tal-Mellieħa jeħtieġ issir sejħa għall-offerti sabiex tinġabar l-informazzjoni u jsir studju dwar il-vijabilita` tal-ipproċessar tal-biomass biex tiġi ġġenerata enerġija elettrika permezz ta' impjant pilota li jrid isir mill-WasteServ. L-istudju jrid ikopri kemm it-territorju Malti, kif ukoll il-provinċji ta' Siracusa u Ragusa fi Sqallija. Fil-fatt fit-2 ta' Awwissu saret laqgħa ma' uffiċjali mill-WasteServ biex jitfasslu l-kundizzjonijiet speċifiċi tas-sejħa li trid issir. Aktar dettalji ser jingħataw meta uffiċjal mill-GAL ta' Val D'Anapo ser ikun f'Malta nhar l-Erbgħa 7 ta' Awwissu. Laqgħa ta' *iSteering Committee* hija skedata għas-16 ta' Settembru, fejn ser jingħata rendikont tal-progress li jkun sar.

## 9.1. Sejħa Nru. 2/2013 – Servizz ta' Tindif f'Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)

9.2. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħat tat-*Tender Adjudication Board* li saru fil-25 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu 2013, liema dokumenti tqassmu lill-Kunsillieri qabel is-seduta.

9.3. Is-Sindku fakkar li fis-seduta preċedenti l-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab l-opinjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti u sussegwentement jerġa jkun hemm diskussjoni fit-*Tender Adjudication Board*.

9.4. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tat-*Tender Adjudication Board* dwar l-għoti tal-kuntratt lill-Euro Clean Ltd bil-kundizzjoni li l-istess kuntratt jigi tterminat immedjatament hekk kif jiġi nnutat li ma jkunx qed isir użu minn *mechanical sweeper* li jilħaq il-livell ta' Euro 5 f'dawk li jirrigwarda emissjonijiet. Għalhekk is-Segretarju ntalab joħroġ l-ittra ta' aċċettazzjoni.

## 10.1. Sejħa għall-offerti dwar is-Servizz ta' Kustodju għall-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ ( P/4/6/1)

10.2. Ġie mfakkar li fis-seduta preċedenti, il-Kunsill iddeċieda li għandha tintalab l-opinjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Saret referenza għall-minuti tal-laqgħat tat-*Tender Adjudication*

*Board* li saru fil-25 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu 2013, liema dokumenti tqassmu lill-Kunsillieri qabel is-seduta.

10.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jaddotta r-rakkomandazzjoni tal-Bord u għalhekk ġie deċiż li għandha tintbagħat ittra ta' aċċettazzjoni lil offerent Joseph Grima.

## 11.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għall-Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali tat-Traffiku skada fil-31 ta' Marzu 2013 u għalhekk saret sejħa għall-offerti (3/2013) skont l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ir-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 255 ta' l-2009, u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005);**

**Billi saret rakkomandazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* sabiex l-offerent B. Grima & Sons jingħata l-kuntratt in kwistjoni skont il-minuti tal-istess bord tal-25 ta' Lulju 2013; u**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2013 hemm ivvutati somom ta' flus intiżi għall-manutenzjoni u introduzzjoni ta' tabelli u sinjali tat-traffiku;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt ta' tliet snin b'effett mill-1 ta' Settembru 2013 mal-offerent B. Grima & Sons Ltd, li offra s-servizzi tiegħu bir-rati ndikati fid-dokument ta' l-offerta.". (K/6/4/Vol III)**

11.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillieri E. Bartolo.

## 12.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

**"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €389,401 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;**

**Billi skont permess mogħti mill-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, għandha tiġi nstallata sistema CCTV fiċ-Ċentru tal-Interpretazzjoni li jifforma parti mill-*Heritage Trail* f'Selmun/Imġiebaħ; u**

**Billi saret sejħa għall-offerti (5/2013) skont l-Artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363), ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jiġi nstallat l-appart imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* skont il-minuti tal-istess bord tal-25 ta' Lulju 2013;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt relattiv għandu jigi ffirmat mal-offerent V. Saliba Sons Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)**

12.2. Saret referenza għar-rapport tekniku li sar minn Galea Curmi Engineering Consultants dwar l-offerti li daħlu, kif ukoll għall-minuti tat-*Tender Adjudication Board* tal-25 ta' Lulju u t-3 ta' Awwissu 2013, fejn saret rakkomandazzjoni sabiex il-kuntratt jingħata lill-V. Saliba Sons Ltd.

12.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier D. Vella.

## 13.1. Proċess ta' konsultazzjoni dwar l-Pjan Lokali (P/5/1/Vol III)

13.2. Is-Sindku aċċenna għall-laqgħa pubblika li tat bidu għal proċess ta' konsultazzjoni dwar ir-reviżjoni tal-Pjan Lokali li ssejħet mill-MEPA, fl-Imġarr fil-15 ta' Lulju 2013. Huwa kkummenta li l-Kunsill għandu jkun proattiv billi jagħti sehemu fir-reviżjoni tal-Pjan Lokali u għalhekk ippropona li jiġu nkarigati konsulenti bil-għan li jsiru l-attivitajiet segwenti:

- Reviżjoni tal-Pjan Lokali approvat fl-2006;
- Seminar ta' nofs ta' nhar is-Sibt 24 ta' Awwissu 2013, li jattendu għaliħ il-Kunsillieri kollha flimkien mal-konsulent u persuni oħra esperti fis-suġġett, jew li huma kkunsidrati li jistgħu jagħtu kontribut;

- Tissejjaħ laqgħa ta' konsultazzjoni publika fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa fil-11 ta' Settembru 2013 fis-6.00pm;
- Jitħejja abbozz tas-sottomissjoni li għandhom jsiru lill-MEPA.

13.3. Il-Kunsill approva l-proċedura proposta mis-Sindku u għalhekk qabel li għandhom jinġabru stimi dwar is-servizzi meħtieġa.

## 14.1. Pubblikazzjoni – *Wartime Mellieħa – The Role of the Village in the Second World War* (P/3/5)

14.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill preċedenti kien qabel li l-materja msemmi għandu jiġi ppubblikat permezz ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea. Billi jidher li dan ma mmaterjalizzax, is-Sur J. Buttigieg ippropona li dan isir permezz ta' fondi tal-Kunsill, bħala parti mill-Ħannieqa Kotba Melleħin.

14.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir sejħa għall-istimi sabiex jiġu stampati 500 kopja. Bħala rikonoxximent, kien hemm qbil li 25 kopja għandha tingħata lill-awtur mill-ewwel edizzjoni u f'każ li jkun hemm oħrajn sussegwenti, jingħata 5% tan-numru li jiġi stampat. Ġie deċiż ukoll li possibilment l-istampar tal-ktieb ikun lest sabiex jiġi mniedi fil-Fiera Nazzjonali tal-Ktieb li ssir f'Novembru 2013.

## 15.1. Tħejjijiet għall-Iljieli Melleħin 2013 (A/5/3/5/Vol V)

15.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo kompla aġġorna lill-Kunsill bit-tħejjijiet li għaddejjin dwar l-attivitajiet imsemmija. Huwa qal li l-Animation Team tal-Lukanda Seabank ser ikunu f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa fis-16 ta' Awwissu, bejn l-4.00pm u l-5.30pm biex jiddevertu lill-anzjani. Fis-17 u t-18 ta' Awwissu l-istess tim ser jagħmel l-istess f'divesi toroq.

15.3. Ġie propost ukoll li jsiru attivitajiet sportivi f'Misraħ il-Parroċċa mtella' miż-żgħażagħ.

15.4. Il-Kunsillier D. Vella ppropona li bħala parti mill-attivitajiet tal-Iljieli Melleħin ikun hemm *clean-up* fir-Ramla tat-Torri l-Abjad nhar is-Sibt 17 ta' Awwissu filgħodu.

15.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-operatur tal-kumpless Splash & Fun sponsorja l-istampar ta' 20,000 tal-programm tal-attivitajiet li ser jitqassmu lill-pubbliku minn diversi ħwienet.

15.6. Tressqet ukoll skeda ta' stimi dwar il-kiri u t-tħaddiem tat-tagħmir tal-audio meħtieġ fid-diversi palkijiet li ser jintramaw, inkluż dak tat-*tribute band Killer Queen*. L-istess stimi nġabru wara sejħa li saret fil-Gazzetta tal-Gvern u fil-ġurnal The Malta Independent. Il-Kunsill approva l-istima sottomessa mill-kuntrattur Studio 7, li kienet tammonta għal €4,453 li tkopri s-servizzi kollha mitluba u kienet l-inqas waħda. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-istess kuntrattur offra l-palk u d-dwal mingħajr ħlas waqt it-tliet serati tal-Iljieli Melleħin.

15.7. F'dik li hija assikurazzjoni tal-attivita`, irriżulta li l-polza illi għandu l-Kunsill ma' tkoprix attivitajiet bħalma huwa logħob tan-nar, wirjiet b'vetturi *offroading* jew *drifting*. Għaldaqstant, l-assoċjazzjonijiet li ser ikunu nkarigati minn dan l-ispettaklu ser jipprovdu kopertura bil-polza rispettiva tagħhom.

15.8. Il-Viċi Sindku rrefera għad-diversi *stands* li ser isir bejgħ minnhom minn għaqdiet volontarji. Is-Sur C. Bartolo ippropona li għandha ssir talba lid-Dipartiment tal-VAT sabiex dawn jiġu eżentati mill-ħruġ ta' riċevuta fiskali, skont kif pprovdut fl-Avviż Legali 524 tal-2010.

15.9. Is-Sur C. Bartolo għarraf ukoll li saret laqgħa mas-Supretendent u l-Ispettur tal-Pulizija tad-Distrett fejn ġie miftiehem illi t-toroq imsemmija hawn taħt ser jiġu kklassifikati bħala żoni ta' irmonk u għalhekk it-traġitt u pparkjar ta' vetturi fihom huwa pprojbit bejn il-5.00pm u nofsillejl, fid-dati indikati:

16, 17 u 18 ta' Awwissu 2013

- Triq Adenau: bejn Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq Dun Franġisk Sciberras;
- Triq l-Għoljiet: bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna; u
- Misraħ il-Parroċċa.

17 u 18 ta' Awwissu 2013

- Triq il-Kbira; u
- Triq Ġorġ Borg Olivier.

18 ta' Awwissu 2013

- Triq il-Marfa: bejn Dawret il-Mellieħa sa Triq l-Erwieħ.

L-avviż relattiv ser jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex tkun ġiet segwita l-proċedura stipulata fil-ligi, kemm-il darba jkun jeħtieġ li jitneħħew vetturi. Għab-bażi ta' dawn it-toroq, il-Pulizija kellha tindika n-numru ta' Pulizija *on extra duty*, kif ukoll il-barrikati meħtieġa.

15.10. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li qed tittieħed kull opportunita` sabiex tingħata promozzjoni fuq il-mezzi tax-xandir u perjodiċi bħalma huma *Tune-In Magazine*; *First Magazine* u l-gazzetti *Malta Today* u *Illum*. It-tnejn tal-aħħar talbu ħlas skontat ta' €250 u €300, rispettivament.

15.11. Il-Kunsill laqa' il-proposti mressqa.

## 16.1. Sejħa għall-proġetti ffinanzjati taħt il-Miżura 313 (P/10/23)

16.2. Is-Sindku għarraf li fil-31 ta' Lulju 2013 attenda laqgħa msejħa mill-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral, fejn kienu mistiedna l-Kunsilli Lokali u l-organizzazzjonijiet mhux governattivi tar-reġjun. Fl-istess laqgħa tnediet sejħa għall-proġetti ffinanzjati taħt il-Miżura 313 tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali li huwa ntiż għall-inkoraġġiment ta' attivitajiet marbuta mat-turiżmu fil-lokalitajiet. Is-Sur J. Buttigieg spjega li l-Fondazzjoni ġiet allokata €600,000 li jistgħu jibbenefikaw minnhom l-Kunsilli Lokali u organizzazzjonijiet li jagħmlu parti mir-regjun tal-Majjistral.

16.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jsir kuntatt mal-konsulent Dr Gordon Cordina dwar din l-opportunita` bil-għan li jiġi identifikat proġett li jkun fattibbli u vijabbli.

## 17.1. Traġitt ta' vetturi fl-inħawi ta' Ġnien Ingraw (T/3/2/Vol X)

17.2. Is-Sindku reġa' aċċenna li l-proprjetarju ta' residenza fil-post imsemmi lmenta miegħu li vetturi kbar, inkluż karozzi tal-linja qed spiss jolqtu l-*bollards* bil-periklu li jintlaqtu l-ħitan tal-bini. Għaldaqstant qed jiġi propost li jerġgħu jidħlu fis-seħħ l-arranġamenti temporanji li kien hemm waqt li kienu għaddejjin xogħlijiet fuq Dawret il-Mellieħa. Permezz ta' dan l-arranġament, Triq Ġnien Inġraw kienet *one-way* għat-telgħa, bejn Triq l-Għollieqa u Triq is-Santwarju, filwaqt li vetturi kbar fi Triq is-Santwarju għandhom jiġu pprojbiti milli jduru direttament għal Triq Ġnien Ingraw, iżda minflok jibqgħu sejrin għal Triq l-Għollieqa.

17.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jergħu jsiru rapprezentazzjonijiet ma' Transport Malta anke dwar l-introduzzjoni mill-ġdid tas-sistemi tal-*one-way* li kien hemm fi Triq il-Wied, Triq Mons. Indri Fenech u Triq Ġnien Ingraw.

## 18.1. *Junction* ta' Triq is-Sagħtar ma Triq il-Migbħa (T/3/2/Vol X)

18.2. Is-Sindku qal li huwa ġie avviċinat rigward il-periklu li jeżisti fil-*junction* imsemmija. Dan jista' ikun ikkawżat, peress li Triq il-Miġbħa qed tingħata preċedenza fuq Triq is-Sagħtar, billi fit-tarf tagħha hemm tabella u sinjali tal-karreġġjata STOP.

18.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li Triq il-Miġbħa għandha tibqa' tingħata preċedenza fuq Triq is-Sagħtar, minħabba d-differenza fl-ammont tat-traffiku, kif ukoll il-forma tal-istess *junction*.

## 19.1. Latrina pubblika fuq il-Moll taċ-Ċirkewwa (L/3/Vol II)

19.2. Is-Sindku għarraf li fil-25 ta' Lulju 2013 huwa kellu laqgħa mas-Sinjuri Raymond Azzopardi u Elizabeth Pisani mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu dwar il-latrina msemmija. Is-Sur J. Buttigieg qal l-Awtorita` irrinovat il-latrina l-qadima li kien hemm taħt il-*lighthouse* sabiex tintuża minflok it-tliet *mobile toilets* li nġiebu fuq il-post, partikularment għall-għaddasa. L-Awtorita` qed toffri €5,500 fis-sena lill-Kunsill sabiex jinkariga ruħu mit-tindif u l-manutenzjoni tagħha.

19.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li s-somma allokata ma tkoprix l-ispiża ta' latrina waħda skont il-kuntratt attwali, billi din tammonta €7,489.71 fis-sena. Dan meta titneħħa l-*contract management fee*. Ittieħed in konsiderazzjoni li l-ispiża ndikata tkopri biss għall-attendenza limitata u ma tinkludix il-konsum tal-elettriku, l-ilma u l-ħsarat li jinqalgħu.

19.4. Inġibdet l-attenzjoni li kemm-il darba l-Kunsill jieħu din it-tip ta' responsabilta`, għandu jkun hemm ftehim bil-kitba bejnu u l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu dwar is-sostenn finanzjarju meħtieġ fuq numru ta' snin. Din id-deċiżjoni ttieħdet ukoll fid-dawl tal-fatt, li l-Kunsill qed ikollu jissuplimenta s-servizz mogħti fil-latrina tal-Għadira (San Remo) u x'aktarx dik tal-Mixquqa, aktar 'il quddiem.

19.5. In vista tar-raġunijiet imsemmija, il-Kunsill ma approvax l-proposta tal-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu.

## 20.1. *Speed hump* fi Triq Għajn Żejtuna (S/2/1)

20.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li l-i*speed hump* illi hemm fi Triq Għajn Zejtuna, kantuniera ma' Triq il-Pont għandha titneħħa peress li ma saritx skont l-arti u sengħa, filwaqt li hija perikoluża.

20.2. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li wieħed mill-iskopijiet li saret il-*hump* kien sabiex l-ilma tax-xita jingħata direzzjoni lejn il-wied, minflok jibqa' nieżel fi Triq Għajn Żejtuna. Huwa fakkar ukoll li fl-April 2013, il-MEPA ħarġet permess sabiex issir ġiebja għall-ilma tax-xita u għalhekk ser ikun meħtieġ li jsir *rainwater culvert* fl-istess post.

20.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir stima bil-għan li x-xogħol ikun jista' jitwettaq permezz tal-*period contract* mal-kuntrattur Central Asphalt Ltd.

## 21.1. Andament ta' AvventuraSajf 2013 (E/3/4/Vol VIII)

21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini qalet li l-baġit ta' dan il-proġett ġie rivedut skont l-aħħar dettalji u esiġenzi li kien hemm. Irriżulta defiċit ta' madwar €3,000 wara li ttieħed in konsiderazzjoni d-dħul mill-miżati.

21.3. Is-Sinjura Brincat Stellini ppproponiet sabiex fil-21 ta' Awwissu ssir attivita` għat-tfal li jattendu AvventuraSajf flimkien mal-Malta Physiotherapy Association, id-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika u l-Kunsill Malti għall-Isport. Fost il-kelliema f'dan l-attivita` ser ikun hemm: is-Sindku J. Buttigieg, il-Ministru tal-Edukazzjoni u l-Impjiegi l-Onor E. Bartolo, is-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Isports l-Onor S. Buontempo, il-President tal-Kunsill Malti għall-Isports Jonathan Barbara, il-President tal-MAP Matthew Azzopardi, u Mariella Borg Buontempo mill-Health Promotion Unit. Il-Kunsill ġie mgħarraf li biex din l-attivita` isseħħ jeħtieġ jinxtara *stationery* addizzjonali sabiex it-tfal ikunu jistgħu jesprimu ruħom waqt l-attivita`.

21.4. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

## 22.1. Ħarġa Nru. 51 tal-magazin "Mill-Qiegħa" (P/3/2/Vol V)

22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet lill-Kunsill li waslulha kummenti pożittivi għall-magazin "Mill-Qiegħa għat-Tfal".

22.3. Is-Sindku kkummenta li għandu jsir sforz fuq l-kontributuri sabiex kemm jista' ikun inaqqsu l-ammont tal-kliem, filwaqt li jiżdiedu l-illustrazzjonijiet biex jattiraw aktar l-attenzjoni tat-tfal.

22.4. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-messaġġ tiegħu f'paġna 4, liema test ġie mibdul, fis-sens li tħalliet barra referenza għall-estensjoni l-ġdida tal-uffiċċju amministrattiv. Fil-parti li tneħħiet huwa kien aċċenna li din l-estensjoni qed tintuża għal-laqgħat tal-pubbliku u sabiex jingħata servizz mid-Dipartiment tas-Siġurta` Socjali.

22.5. Il-Viċi Sindku C. Bartolo wieġeb li minħabba nuqqas ta' spażju kelli jitqassar it-test mgħoddi minn kull kunsillier.

22.6. Il-Viċi Sindku għarraf li kien hemm żball min-naħa tal-istampatur fir-rigward tad-daqs tal-magazin tat-tfal. Ix-xogħol kollu tal-istampar li kien sar kellu jitwarrab kollu u sar mill-ġdid. Dan dewwem ftit il-pubblikazzjoni.

22.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**23.1. Manutenzjoni fiċ-Ċimiterju Sultana tal-Vittorji (C/7)**

23.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li bil-kollaborazzjoni mas-sezzjoni nkarigata miċ-ċimiterji fid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika ġew ipprovduti l-ħaddiema sabiex tissewwa l-ħsara li hemm fis-saqaf tal-kappella fiċ-ċimiterju msemmi. Il-Kunsill intalab sabiex jipprovdi l-materjal meħtieġ. Is-Sur Attard ippropona wkoll li għandha titneħħa ħamrija li hemm mal-ħajt tal-kappella, peress li din qed tikkawża l-umdita` fl-istess ħajt. Huwa qal ukoll li pjanti tal-kaktus li hemm fiċ-ċimiterju għandhom jitneħħew peress li ma jmorrux mal-post u huma perikolużi.

23.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**24.1. Taħditiet dwar kura preventiva (M/8/Vol II)**

24.2. Il-Kunsillier J. Attard għarraf li t-taħdita li saret fid-29 ta' Lulju 2013 kellha tiġi trasferita mis-sala tal-Kunsill għal Dar il-Modonna tal-Mellieħa, minħabba nuqqas ta' konkorrenza.

24.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**25.1. Nuqqas ta' dwal fit-toroq (E/1/3/Vol VI)**

25.2. Il-Kunsillier H. Fenech ġibed l-attenzjoni li fi Triq Ġorġ Borg Olivier, bejn Triq Adenau u l-bidu ta' Triq il-Marfa hemm parti li hija mudlama u jeħtieġ li titwaħħal lampa ġdida fuq in-naħa tal-wied.

25.3. Il-Viċi Sindku aċċenna li fil-parti ta' ġewwa ta' Triq Ta' Taħt l-Irdum, f'Santa Marija Estate m'hemm ebda dwal u għalhekk dik il-parti tat-triq hija fi dlam totali.

25.4. Kien hemm qbil li f'kull każ għandha ssir talba lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jinkiseb il-permess meħtieġ.

**26.1. *Caravans* u kkampjar mingħajr permess (C/4/Vol IV)( P/5/1/Vol III)**

26.2. Il-Kunsillier H. Fenech ilmenta li qed ikun hemm ħafna postijiet fil-lokalita` fejn jinġiebu *caravans* u jsir ikkampjar mingħajr permess. Jidher li mhux qed ikun hemm infurzar biżżejjed tal-*bye-laws* li hemm dwar dan il-suġġett.

26.3. Is-Sindku kkummenta li bl-ammont ta' *caravans* illi qed jiġu mpurtati, mhux qed ikun faċli biex isir infurzar. Huwa qal li qed issir pressjoni sabiex jiġu ndikati siti għall-ikkampjar qrib il-kosta. Is-Sur J. Buttigieg ippropona li dan il-fattur għandu jiġi trattat bis-serjeta` fir-reviżjoni tal-Pjan Lokali.

**27.1. Ħitan fil-ġnub tat-Telgħa ta' Selmun (T/4/7/Vol III)**

27.2. Il-Kunsillier J. Gauci aċċenna għall-istat ħażin li jinsabu fih il-ħitan tas-sejjieħ u dak tal-gagazza li hemm fuq ġenb wieħed fit-Telgħa ta' Selmun. Huwa lmenta li dawn spiss jaqgħu partijiet minnhom meta tagħmel ix-xita.

27.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan l-ilment għandhu jinġieb għall-attenzjoni ta' Transport Malta, peress li jinvolvi triq arterjali.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fil-11.00pm u ġiet aġġornata għas-26 ta' Awwissu 2013 fis-6.30pm

John Buttigieg Carmel Debono

**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**